MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-2 ta' Novembru, 2015**

Rikors Numru: 357/15LM

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 458/2015(LSO)

**Emanuel Vella (K.I. 0023958M) u martu Rita Vella (K.I. 398962M)**

**vs**

**Docklands Limited (C 42813) u Victoria Park Limited (C 46014)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fl-20 ta' April, 2015 mis-soċjetajiet sekwestrati **Docklands Limited** u **Victoria Park Limited** (minn issa 'il quddiem "is-sekwestrati") li bih għar-raġunijiet imfissra talbu li din il-Qorti:

*Illi fit-18 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti talbu u fl-istess jum ottjenew il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi numerat 458/2015 kontra s-sekwestrati esponenti fl-ammont ta' mija, disgħa u tletin elf u tmien mitt ewro (€139,800.00) in kawtela tad-dritt pretiż minnhom għal kreditu allegatament dovut mis-sekwestrati lis-sekwestranti;*

*Illi jeżistu raġunijiet validi skont l-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex għandu jiġi revokat contrario imperio l-mandat ta' sekwestru suriferit fir-rigward tas-sekwestrati esponenti;*

*Illi fl-ewwel lok jingħad li s-sekwestranti ma pprovdew l-ebda prova li turi, imqar fuq bażi prima facie, li dan il-kreditu huwa dovut u jiġi umilment iddikjarat mill-esponenti li fil-fatt, l-ebda kreditu mhuwa dovut minnhom jew min minnhom lis-sekwestranti;*

*Illi al contrario, jeżistu proċeduri pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismjiet Docklands Limited vs Emanuel Vella et numerati 731/2014 (AF) li jinstabu differiti għat-12 ta' Mejju 2015 għal informazzjoni ulterjuri stante l-fatt li l-partijiet kienu infurmaw l-Onorabbli Qorti li kienu qegħdin jesploraw il-possibbiltà ta' tranżazzjoni sabiex il-kwistjonijiet bejniethom jinqatgħu;*

*Illi l-proċeduri suriferiti numerati 731/2014 (AF) jikkonċernaw kreditu dovut u ammess minn Emanuel u Rita konjuġi Vella ammontanti għas-somma ta' sitt mija u ħamest elef, sitt mija u sebgħa u tletin ewro (€605,637.00) u jifdal ammont ikkontestat oltre dak ammess ammontanti għal circa erba' mitt elf ewro (€400,000.00) bejn il-partijiet;*

*Illi fix-xhur preċedenti għall-intavolar tal-proċeduri odjerni, is-sekwestranti qatt ma kitbu dwar jew ivvantaw xi pretensjoni ta' din ix-xorta fil-konfront tal-intimati u lanqas qatt ma ppreżentaw xi att ġudizzjarju dwar l-istess;*

*Illi di più, kif fuq ingħad, is-sekwestrati esponenti huma kredituri tas-sekwestranti u saħansitra, infetħu proċeduri kontra l-istess sekwestranti għal ammonti ferm akbar mill-pretensjoni li ressqu s-sekwestranti permezz tal-mandat odjern u li kieku din il-pretensjoni odjerna kienet veritjiera, is-sekwestranti odjerni kienu minnufih jikkawtelaw l-istess pretensjoni tagħhom a tempo vergine, jew billi jippreżentaw kontrotalba f'dawk il-proċeduri għall-kanonizzazzjoni tal-ammont dovut minnhom lill-esponenti jew se mai, billi jippreżentaw xi talba oħra għall-għarfien tal-ammont allegatament dovut lilhom;*

*Illi l-fatt sempliċi li s-sekwestranti ma esebew l-ebda dokument in sostenn tal-pretensjoni tagħhom, magħdud mal-osservazzjonijiet preċedenti, juri ampjament il-vessatorjità tal-mandat odjern li ġie ottjenut biss sabiex ifixkel, jurta u jikkawża inkonvenjent lis-sekwestrati;*

*Illi huwa doveruż, anke f'dan l-istadju ta' prima facie, li s-sekwestranti konjuġi Vella juru lil din l-Onorabbli Qorti kif waslu għal dan l-ammont pretiż sal-inqas ewro li talbu;*

*Illi għalhekk hemm raġunijiet biżżejjed sabiex dan il-mandat jiġi revokat kemm a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) stante li l-ammont mitlub mhux prima facie ġustifikat, kif ukoll a tenur tal-Artikolu 836(1)(f) stante li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ;*

*Illi hemm ukoll raġunijiet sabiex is-sekwestranti jiġu kkundannati jħallsu penali skont l-Artikolu 836(8)(b), stante li s-sekwestranti ma wrewx il-*

*ħtieġa tal-ħruġ tal-att kawtelatorju jew fejn ma jinterpellawx lill-intimati jħallsu d-dejn fi żmien ħmistax-il ġurnata qabel il-ħruġ tal-istess mandat, kif ukoll taħt l-Artikolu 836(8)(d) stante li t-talba saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, is-sekwestrati esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, ai termini tal-Artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna r-revoka contrario imperio tal-mandat ta' sekwestru numerat 458/2015 (LSO) fl-ismijiet Emanuel Vella u martu Rita Vella vs Docklands Limited u Victoria Park Limited, kif ukoll li tikkundanna lis-sekwestranti jħallsu penali stante li huma ma wrewx il-ħtieġa tal-ħruġ tal-istess mandat ta' sekwestru, ma interpellawx lill-intimati għall-ħlas fi żmien ħmistax-il ġurnata tal-ħruġ tal-istess mandat u stante wkoll li t-talba saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja.*

Rat ir-risposta tas-sekwestranti **Emanuel Vella u martu Rita Vella** (minn issa 'il quddiem "is-sekwestranti") li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2015:

1. *Is-segwenti huma s-sottomissjonijiet tas-sekwestranti (aktar 'il quddiem sempliċement l-"esponenti") bħala replika għall-argumenti espressi fir-rikors promotur tas-soċjetajiet eżekutati (aktar 'il quddiem sempliċement s-"soċjetajiet") datat 20 ta' April, 2015, illi qed tiġi mressqa fiż-żmien li jgħid u jrid l-Art. 836(3) Kod. Proċ. Ċiv.*

   ***<u>Preliminari</u>***

2. *Illi jiġi rilevat mill-bidu li l-premessi li fuqu huwa mibni ir-rikors tas-soċjetajiet huma erroneji. Dan għall-motivi li ġejjin.*

**3.** *Il-mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru 458/2015 (datat u akkordat fit-18 ta' Marzu, 2015) mhux abbinat u/jew kollegat mal-proċeduri in re "Docklands Limited vs Emanuel Vella et" [ref: 731/2014/AF].*

**4.** *Tali mandat kawtelatorju għandu jittieħed fl-isfond tat-talba ġudizzjarja sottomessa mill-esponenti fil-proċeduri in re "Emanuel Vella et vs Docklands Ltd et" [ref: 313/2015/LM] fejn l-esponenti qed jitolbu, inter alia, dikjarazzjoni ġudizzjarja li huma rrendew serviġi/prestazzjonijiet lis-soċjetajiet u l-konsegwenti kwantifikazzjoni ta' kumpens għal tali serviġi/prestazzjonijiet. Għal kull buon fini, u għall-aħjar struzzjoni tas-soċjetajiet, ġiet annessa kopja tar-rikors ġuramentat relattiv mal-preżenti bħala "Dok: A". Apparti minn dan, preċedenti għal tali kawża u mandat kawtelatorju, l-esponenti kienu interpellaw formalment lis-soċjetajiet permezz ta' ittri uffiċjali biex dawn jersqu għal-likwidazzjoni ta' indenniz favur l-esponenti għas-servizzi u/jew prestazzjonijiet minnhom reżi [vide "Dok: B" u "Dok C" annessi].*

**5.** *Illi minn dan joħroġ is-segwenti iter kronoloġiku:*

*(i)* *fit-18 ta' Marzu, 2011 l-esponenti interpellaw lis-soċjetajiet b'ittra uffiċjali nru 1028/2011 (notifikata fil-18/04/2011);*

*(ii)* *fis-17 ta' Marzu, 2014 l-esponenti reġgħu interpellaw lis-soċjetajiet b'ittra uffiċjali nru 811/2014 (notifikata fil-25 ta' Marzu, 2015);*

*(iii)* *fit-18 ta' Marzu, 2015 l-esponenti ressqu l-mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru 458/2015 fl-ammont ta' €139,800.00c;*

*(iv)* *fis-7 ta' April, 2015 l-esponenti intavolaw kawża a bażi tal-pretensjoni dedotta fil-preċitat mandat kawtelatorju.*

6. *Għalhekk, is-soċjetajiet ċertament ma jistgħux igħidu – kif effettivament sostnew fir-rikors tagħhom – illi "fix-xhur preċedenti għall-intavolar tal-proċeduri odjerni, is-sekwestranti qatt ma kitbu dwar jew ivvantaw xi pretensjoni ta' din ix-xorta fil-konfront tal-intimati u lanqas qatt ma ppreżentaw xi att ġudizzjarju dwar l-istess" (vide paġna 2 tar-rikors). L-elenku hawn fuq indikat jiskredita tali asserzjoni, u jagħmilha altament gratuwita u manifestament infondata (recte).*

7. *Illi għal dak li jikkonċerna l-proċeduri preżenti, jinħass opportun li jiġu reġistrati s-segwenti riljevi.*

8. *Fil-proċediment tal-lum, l-eżami li trid tagħmel din l-Onorabbli Qorti huwa dak biss ta' <u>prima facie</u> għaliex il-mertu kollu għandu jiġi trattat u deċiż fil-kawża proprja bejn il-partijiet (ara l-provvedimenti in re:* ***Desmond Stanley Stewart vs. Therese Mangion Galea****, Rikors Nru 336/05, deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju, 2005;* ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe****, Rikors Nru 746/01, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2001;* ***Visa Investments Limited vs Blye Engineering Limited****, Rikors Nru 2520/00, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar 2001).*

9. *Proċeduri bħalma huma dawk odjerni għandhom jiġu trattati fil-qafas ristrett tal-Art. 836 Kod. Proċ. Ċiv. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax tinoltra fil-kwistjonijiet imqanqla mis-soċjetajiet, peress li l-istess kwestjonijiet huma llum il-ġurnata kjarament marbuta mal-indaġini tal-mertu fil-proċeduri in re "Emanuel Vella et vs Docklands Ltd et" [ref: 313/2015/LM]. Kif sew ritenut, "Tali indagini tkun inġusta għall-partijiet u tirrasenta n-nuqqas ta' imparzjalità jekk il-Qorti tagħmel tali indaġini f'dan l-istadju" (****Grazio sive Horace Cachia vs Agostino sive Winston***

***Carbone et**, Prim'Awla, Rikors nru 162/2012/MCH mogħti fit-22 ta' Marzu, 2012).*

**10.** *Dak li trid tiddetermina din l-Onorabbli Qorti huwa jekk hemmx raġuni valida, imsejsa fuq wieħed jew iktar mis-subparagrafi tal-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv. invokati mis-soċjetajiet, li twassal għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 458/2015 ottenut mill-esponenti fit-18 ta' Marzu, 2015.*

**11.** *Għaldaqstant, u hekk kif donnu r-rikors promotur jagħti x'jifhem, "il-pretensjoni li l-mandat inkwestjoni hu ta' preġudizzju lir-rikorrenti mhux raġuni valida għala l-mandat għandu jiġi revokat." (**Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International Limited**, Rik. nru 715/03, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 2003).*

***<u>Il-Motivi għat-Taħsir tal-Att Kawtelatorju</u>***

**12.** *Wieħed issa jdur sabiex jevalwa x-xenarju preżenti minn ottika purament legali u/jew proċedurali u fl-isfond tal-grad probatorju rikjest fil-liġi, sabiex att kawtelatorju jitħalla <u>in vigore</u> jew jiġi ordnat imħassar u/jew revokat.*

**13.** *Fil-każ tal-lum, is-soċjetajiet qed imexxu l-istanza tagħhom fuq il-bażi tal-paragrafi (d) u (f) ta' l-Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv. Dawn ser jiġu diskussi wieħed wieħed infra.*

***Paragrafu (d) Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv.***

***« jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx <u>prima facie</u> ġustifikat jew ikun eċċessiv. »***

14. *Dan il-motiv jibbaża t-tħassir tal-att kawtelatorju fuq il-bażi li l-ammont kawtelat (u indikat fl-att kawtelatorju) ma jkunx ġustifikat jew ikun eċċessiv. Il-metru li għandu jiġi utilizzat huwa dak tad-daqqa t'għajn, u ċioè tal-prima facie hekk tgħid l-istess disposizzjoni.*

15. *Hekk kif ġjà rimarkat aktar kmieni f'din in-nota responsiva, u dejjem bid-dovut rigward, mhuwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tippronunzja ruħha dwar il-fondatezza tal-pretensjoni tal-esponenti eżekutanti jew jekk huma ħaqqhomx jieħdu s-somma kawtelata, u dan proprju għaliex mhux dak huwa r-rwol tagħha f'dan il-proċediment.*

16. *Hu ritenut mill-qrati tagħna illi, "biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat." (provvediment in re:* ***Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings****, Prim'Awla, 06.12.1999).*

17. *Jidher li s-soċjetajiet jeżiġu lill-esponenti jipprova li għandu jedd għall-ammont kawtelat. Iżda kif ben not, tali eżiġenza tispetta lill-kwestjoni fil-mertu, ossia dak il-mertu li għad jeħtieġ jiġi mressaq, evalwat u deċiż fil-proċeduri in re "Emanuel Vella et vs Docklands Ltd et" [ref: 313/2015/LM].*

18. *Għalhekk, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkonsidra l-kwistjonijiet mqanqla mis-soċjetajiet, peress li l-istess huma kjarament marbuta mal-indaġini tal-mertu tal-viċenda bejn il-kontendenti u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata fil-kawża ad hoc fuq imsemmija.*

19. *Inoltre, kif sew ritenut in re* ***Joseph Camilleri et vs. Anthony Gové et*** *(Prim'Awla, 10 ta' Mejju, 2001), "Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan kollu*

*huwa l-mertu tal-pendenza eżistenti bejn il-partijiet fl-istess kawża ta' bejniethom fuq ċitata, u għalhekk ċertament li din il-Qorti, f'dan l-istadju ma għandhiex tagħti ġudizzju fuq l-istess, stante li tkun qed minflok tiddeċiedi l-kawża, li mhuwiex l-iskop ta' din il-proċedura abbażi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12." Fid-deċiżjoni in re* ***Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut et*** *(Prim'Awla, 29 ta' Novembru, 2001) ġie affermat li, "dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża."*

**20.** *Illi fil-proċeduri in re "Emanuel Vella et vs Docklands Ltd et" [ref: 313/2015/LM] l-esponenti beħsiebhom iressqu provi suffiċjenti biex juru li huma kredituri tas-soċjetajiet. Jekk din l-Onorabbli Qorti teżiġi provi f'dan l-istadju u/jew tippronunzja ruħha sfavorevolment għall-esponenti f'dawn il-proċeduri, ikun ifisser illi l-pretensjoni tagħhom fil-kawża appena indikata tkun ġiet preġudikata għax, tajjeb jew ħażin, tkun ġiet emessa deċiżjoni dwar mertu li għandu jiġi mistħarreġ fil-kawża ad hoc. Kif sew ritenut, "Tali indaġini tkun inġusta għall-partijiet u tirrasenta n-nuqqas ta' imparzjalità jekk il-Qorti tagħmel tali indaġini f'dan l-istadju" (****Grazio sive Horace Cachia vs Agostino sive Winston Carbone et****, Prim'Awla, Rikors nru 162/2012/MCH mogħti fit-22 ta' Marzu, 2012).*

**21.** *Għalhekk, għall-fini ta' dan il-proċediment, is-somma pretiża mill-esponenti mhijiex eċċessiva jew inġustifikata mad-daqqa t'għajn u t-talba tas-soċjetajiet fuq dan il-motiv ta' tħassir għandha tiġi riġettata.*

***Paragrafu (f) Art. 836(1) Kod. Proċ. Ċiv.***

***« jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. »***

**22.** *Jerġa' jiġi ripetut illi għalkemm is-soċjetajiet jadduċu dan il-motiv bħala raġuni oħra għaliex l-att kawtelatorju m'għandux jibqa' fis-seħħ, l-istess jonqsu milli jispjegaw ir-raġuni għalfejn dan hu hekk fiċ-ċirkostanzi odjerni. Kif diskuss hawn fuq, il-motivi li fuqhom hija msejjsa t-talba tas-soċjetajiet hi erronja, u dan għax tisħaq fuq il-proċeduri in re "Docklands Limited vs. Emanuel Vella et" [ref: 731/2014/AF], mentri dawn huma toto coelo immaterjali.*

**23.** *Illi bla ħtieġa li l-esponenti jirrepetu bla meħtieġ, l-istess jagħmlu referenza għal dak espress fil-paragrafi §19 u §20 supra u jagħmlu dawk is-sottomissjonijiet applikabbli mutatis mutandis għall-preżenti motiv ta' revoka invokat mis-soċjetajiet. Ma' dawk is-sottomissjonijiet jiżdied biss jingħad dak affermat in re* ***Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International Limited*** *(ċitata supra), u ċioè illi, "Fil-ħruġ ta' atti kawtelatorji ma hemmx għalfejn li jiġi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun biżżejjed li min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat jikkonferma bil-ġurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proċeduri mhux intiżi biex iservu ta' reviżjoni għar-rigward tal-ordni tal-ħrug tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbiliti jekk jeżistux l-estremi li trid il-liġi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jiġi revokat in parte jew in toto. Għalhekk mhux neċessarjament jiġu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu."*

24. *Għaldaqstant, fil-fehma ponderata tal-esponenti, lanqas dan il-motiv ma ġie pruvat mis-soċjetajiet u, għalhekk, l-att kawtelatorju preżenti għandu jibqa' fis-seħħ.*

***Penali***

25. *L-eżekutati soċjetajiet talbu wkoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex timponi penali fuq l-esponenti skont l-Art 836(8) Kod. Proċ. Ċiv. Din id-dispożizzjoni tagħti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ippreżentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun ġie preżentat l-att f'numru speċifikat ta' każi li huma indikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess sub-inċiż.*

26. *Is-soċjetajiet jgħidu li hemm lok għall-imposizzjoni ta' penali skont il-paragrafu (b) u (d) tal-Art. 836(8) Kod. Proċ. Ċiv. Tali dispożizzjoni tgħid testwalment hekk:*

> *"Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*
>
> *... omissis ...*
>
> *(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li*

*jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat.*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja".*

**27.** *Dwar l-ewwel parti tal-paragrafu (b) Art. 836(8) jingħad illi ġja ladarba l-esponenti ressqu kawża biex jiġu kanonizzati kredituri fil-konfront tas-soċjetajiet ta' ammont "da liquidarsi", ma jfissirx li l-ammont minnhom kawtelat mhux ġustifikat. Fil-proċeduri in re "Emanuel Vella et vs Docklands Ltd et" [ref: 313/2015/LM] l-esponenti preżenti, hemmhekk atturi, beħsiebhom jadduċu provi li huma kienu pprestaw servizzi u prestazzjonijiet lis-soċjetajiet hawn intimati fuq diversi snin u li tagħhom qatt ma ġew kumpensati. Tali pretiża hi riflessa fil-korp tal-annessi ittri uffiċjali tas-sena 2011 u 2014.*

**28.** *Dwar it-tieni parti tal-paragrafu (b) Art. 836(8) jingħad illi l-esponenti kienu intavolaw żewġ ittri uffiċjali, waħda fid-29 ta' Marzu, 2011 u oħra fis-17 ta' Marzu, 2014 iżda s-soċjetajiet, għalkemm notifikati, qatt ma wieġbu jew irreżistew għall-pretiża ta' kwantifikażzjoni u likwidazzjoni ta' indenniz bħala ħlas għas-servizzi u prestazzjonijiet reżi lilhom mill-esponenti. Fid-dawl ta' tali passività, l-esponenti ressqu l-att kawtelatorju de quo u, fiż-żmien statutorju, intavolaw il-kawża fl-ismijiet "Emanuel Vella et vs Docklands Ltd et" [ref: 313/2015/LM].*

**29.** *Dan l-għemil tal-esponenti ċertament m'għandux jattira l-impożizzjoni tas-suddetta penali skont il-paragrafu (b) Art. 836(8).*

30. *Dwar il-paragrafu (d) Art. 836(8) jingħad solament illi s-soċjetajiet ma wrew bl-ebda mod u manjiera li l-att kawtelatorju de quo nħareġ b'malizzja, jew hu frivolu jew hu wieħed vessatorju. Anzi, għandu jirriżulta mill-atti annessi mal-preżenti, li l-esponenti dejjem ħadu ħsieb l-interessi tagħhom b'żelu u diliġenza u huma dejjem avvanzaw u kkomunikaw il-pretensjonijiet tagħhom lis-soċjetajiet per vie legali. Madankollu, kienet il-passività u l-inerzja tas-soċjetajiet li wasslet lill-esponenti li jużaw l-għodod li takkorda l-liġi proċedurali sabiex jikkawtelaw, u konkretament jieħdu ħsieb, l-interessi tagħhom.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, u għal oħrajn li jafu jqumu waqt it-trattazzjoni tal-preżenti proċeduri, t-talba dedotta mis-soċjetajiet intimati fir-rikors tagħhom tal-20 ta' April, 2015 fl-ismijiet fuq premessi, għandha tiġi kompletament miċħuda, bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-istess soċjetajiet.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat id-digriet tas-seduta tat-13 ta' Lulju, 2015 fejn ir-Rikors ġie mħolli għal provvediment.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proċeduri, is-soċjetajiet sekwestrati qegħdin jitolbu ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 458/2015(LSO) (minn issa 'il quddiem il-Mandat) ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12, u l-impożizzjoni ta' penali fuq is-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-soċjetajiet sekwestrati jikkontendu li s-sekwestranti ma resqux l-iċken prova, imqar fuq bażi *prima facie,* li l-allegat kreditu li ġie kkawtelat huwa dovut. Is-soċjetajiet sekwestrati jirrilevaw li s-sekwestranti ma esebew l-ebda dokument in sostenn tal-pretensjoni tagħhom u dan skont huma juri ampjament il-vessatorjità tal-mandat odjern li ġie ottenut biss sabiex ifixkel, jurta u jikkawża inkonvenjent lis-sekwestrati.

Min-naħa tagħhom is-sekwestranti jisħqu li fi proċediment ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12, l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie* għaliex il-mertu kollu għandu jiġi trattat u deċiż fil-kawża proprja bejn il-partijiet.

Is-sekwestranti jikkontendu li huwa suffiċjenti għall-finijiet ta' din il-proċedura dak li ġie dikjarat minnhom bil-ġurament fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 458/2015(LSO) u fir-Rikors Maħluf tagħhom numru 313/2015/LM.

Is-sekwestranti jirrilevaw li din il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-kwistjonijiet imqanqla mis-soċjetajiet sekwestrati, peress li dawn huma intrisikament marbuta mal-indaġini tal-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti u għalhekk għandhom jiġu kkunsidratati fil-kawża imsemmija numru 313/2015/LM.

Din il-Qorti tibda biex tagħmilha ċara li ma tistax tikkondividi t-teżi tas-sekwestranti li għall-finijiet ta' din il-proċedura ta' indaġini *prima facie* huwa suffiċjenti li jkun ġie ppreżentat ir-Rikors Maħluf mis-sekwestranti entro t-terminu prefiss mil-liġi ta' għoxrin (20) jum mill-ħruġ tal-mandat, fejn is-sekwestranti/atturi jkunu kkonfermaw bil-ġurament il-pretensjonijiet tagħhom. Li kieku kellha tiġi aċċettata din it-teżi mill-Qorti, il-proċedura ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tiġi mxejna fix-xejn u reża għal kollox superfluwa.

Sabiex ikun jista' jiġi ppreżentat rikors għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa meħtieġ li, wara li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jkun ġie milqugħ mill-Qorti, is-sekwestrant jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin (20) jum mill-ħruġ tal-mandat (ara l-Artikoli 849 u 843 tal-Kap. 12). Jekk il-kawża ma tkunx saret fiż-żmien prefiss mil-liġi, l-mandat jaqa' u l-effetti tiegħu jieqfu immedjament, sakemm is-sekwestrant ma jurix li kellu raġuni tajba biex ma jippreżentax il-kawża fiż-żmien mogħti mil-liġi.[1]

[1] Ara l-Artikolu 843(2) tal-Kap. 12.

Għalhekk, filwaqt li l-preżentata tal-kawża fi żmien għoxrin (20) jum mill-ħruġ tal-mandat hija prerekwiżit essenzjali sabiex tkun tista' ssir talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, il-fatt waħdu li tkun ġiet ippreżentata l-kawża jista' ma jkunx suffiċjenti biex il-Qorti tiċħad tali talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju.

Fl-indaġini *prima facie* li trid issir mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, dan l-eżami dejjem fil-livell tal-ewwel daqqa t'għajn, jista' jkun jeħtieġ li jsiru ċertu provi anki permezz ta' dokumenti li jsostnu t-talba li l-persuna li tagħmel ir-rikors tkun trid tippreżenta. Tant hu hekk l-Artikolu 836(2) u (3) tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> *"(2) Il-persuna li tagħmel ir-rikors skont is-subartikolu (1) għandha, flimkien mar-rikors, tippreżenta bil-miktub is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta.*[2]
>
> *(3) Ir-rikors, ħlief għal xi rikors skont is-subartikolu (1)(a), għandu jiġi notifikat lill-parti kontra li tista', fi żmien sebat ijiem min-notifika, tippreżenta nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta".*[3]

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] Sottolinear tal-Qorti.

Dan ifisser li fl-indaġini *prima facie* li trid tagħmel ai termini tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 dwar jekk l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew huwiex eċċessiv, il-Qorti għandha tqis u tevalwa dokumenti li jista' jkunu ġew ippreżentati mill-partijiet biex isostnu t-talba tagħhom.

Bħalma f'din l-idaġini *prima facie* l-Qorti għandha tqis u tevalwa dokumenti ppreżentati mill-partijiet biex isostnu t-talba tagħhom ai termini tal-Artikolu 836(2) u (3) tal-Kap. 12, *multo magis* il-Qorti tista' wkoll tqis il-fatt li ma jkunx ġew ippeżentati ebda dokumenti jew provi oħra in sostenn tat-talbiet ta' xi wieħed mill-kontendenti.

Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-fondatezza tal-pretensjonijiiet tas-sekwestranti, dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss li teżamina *prima facie* jekk is-sekwestranti kellhomx pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le.[4]

Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u jirreferi għal dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn.

Illi f'dan ir-rigward tagħmel riferiment għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Theresa Mangion Galea vs Desmond Stanley Stuart**[5] fid-29 ta' Lulju, 2005 fejn intqal li ġej:

---

[4] Ara l-provvediment fl-ismijiet **Josephine Sammut vs. Emmanuel Sammut et** (PA (TM)), deċiża fid-29 ta' Novembru, 2001.
[5] Deċiża fid-29 ta' Lulju, 2005 (PA (JRM)).

> *"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu, jew le, tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru".*

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan l-każ, din il-Qorti tqis għall-finijiet ta' din l-indaġini *prima facie* mhux biss li s-sekwestranti kkonfermaw darbtejn bil-ġurament il-pretensjonijiet tagħhom l-ewwel permezz tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat sekwestru kawtelatorju u imbagħad permezz tar-rikors maħluf tagħhom, imma anki l-fatt li s-soċjetajiet sekwestrati ma wieġbux għall-ittri ġudizzjarji tad-29 ta' Marzu, 2011 u tas-17 ta' Marzu, 2014 tas-sekwestranti, dakollu jista' jindika li *prima facie* s-sekwestranti kellhom pretensjoni xi jikkawtelaw. F'din il-proċedura huwa suffiċjenti li jintwera mal-ewwel daqqa t'għajn li s-sekwestranti kellhom pretensjoni u kawżali legali li abbażi tagħhom talbu l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.[6]

[6] Ara l-provvediment fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Gové et** (PA (RCP)), deċiż fl-10 ta' Mejju, 2001.

Għalhekk din il-Qorti tqis li għar-raġunijiet imsemmija t-talba għar-revoka tal-Mandat abbażi tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 m'għandhiex tiġi milqugħha.

Din il-Qorti tirrileva li s-soċjetajiet sekwestrati ma ressqu ebda prova għar-rigward ta' dak li ġie allegat minnhom fir-Rikors odjern, ċjoè li jeżisti xi kreditu dovut lis-soċjetajiet sekwestrati u li ġie ammess mis-sekwestranti ammontanti għas-somma ta' sitt mija u ħamest elef, sitt mija u sebgħa u tletin euro (€605,637.00) li huwa parti mill-mertu tal-proċeduri numerati 731/2013 (AF). Għalhekk fin-nuqqas ta' din il-prova, dak li ġie kkonstatat mis-soċjetajiet sekwestrati li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ għax is-soċjetajiet sekwestrati għandhom jieħdu mingħand is-sekwestranti somma ferm akbar minn dik ikkawtelata bil-mandat odjern, ma jistax ireġi u mhuwiex sostenibbli.[7]

Għalhekk din il-Qorti tqis li għar-raġunijiet imsemmija t-talba għar-revoka tal-Mandat abbażi tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 m'għandhiex tiġi milqugħha.

Fir-Rikors odjern is-soċjetajiet sekwestrati jikkontendu illi hemm ukoll raġunijiet sabiex is-sekwestranti jiġu kkundannati jħallsu penali skont l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12, peress li s-sekwestranti ma wrewx il-ħtieġa tal-ħruġ tal-att kawtelatorju jew fejn ma jinterpellawx lill-intimati jħallsu d-dejn fi żmien ħmistax-il ġurnata qabel il-ħruġ tal-istess mandat, kif ukoll taħt l-Artikolu 836(8)(d) stante li t-talba saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja.

[7] Ara f'dan is-sens il-provvediment fl-ismijiet **Reno Tonna vs. Hydrodynamics Limited** (PA (TA)), deċiż fl-14 ta' Novembru, 2002.

Din il-Qorti tqis li għall-kuntrarju ta' dak li ġie allegat mis-soċjetajiet sekwestrati li "fix-xhur preċedenti għall-intavolar tal-proċeduri odjerni, is-sekwestranti qatt ma kitbu dwar jew ivvantaw xi pretensjoni ta' din ix-xorta fil-konfront tas-sekwestrati u lanqas qatt ma ppreżentaw xi att ġudizzjarju dwar l-istess", mill-atti ta' dan ir-Rikors jirriżulta illi is-sekwestranti kienu ppreżentaw żewġ ittri ġudizzjarji kontra s-soċjetajiet sekwestrati, datati rispettivament 29 ta' Marzu, 2011 u 17 ta' Marzu, 2014. Din il-Qorti tosserva wkoll li l-aħħar ittra uffiċjali, dik tas-17 ta' Marzu, 2014 kienet ippreżentata sena qabel u mhux jum qabel ma ġie intavolat il-Mandat kif taw x'wieħed jifhem is-soċjetajiet sekwestrati.

Għalhekk din il-Qorti tqis li għar-raġunijiet imsemmija t-talba għall-ħlas ta' penali skont l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 m'għandhiex tiġi milqugħha.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetajiet sekwestrati, bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------